MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 746/1991/2

**Margaret Mifsud**

**v.**

**Kalcedonja mart Carmelo Pace bhala mandatarja tal-imsiefra Elena mart Anthony Falzon, u din bhala eredi unika ta' Maria Carmela Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Lulju 1991 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet: -

Illi hija pprestat servigi, kura u assistenza lil Maria Carmela Farrugia u kif ukoll lil certa Carmelina Darmanin illi kienet tghix mal-imsemmija Maria Carmela Farrugia ghal diversi snin mill-elf disgha mija u erbgha u tmenin (1984) sal-mewt tal-imsemmija zewg persuni;

Illi l-imsemmija Maria Carmela Farrugia mietet fis-sebgha ta’ Novembru, elf disa’ mija u disa’ u tmenin (+07.11.1989) u l-wirt taghha jinsab regolat b’testment taghha tad-disgha u ghoxrin ta’ Dicembru, elf disa’ mija u tnejn u tmenin (29.12.1982) dok “A”;

Illi l-imsemmija Maria Carmela Farrugia iddisponiet fost l-ohrajn, fl-ghaxar klawsola tal-imsemmi testment b’titolu ta’ legat fi proprieta assoluta “a favur ta’ dik, jew dawk il-persuni, li jkunu jiehdu hsieb u jduru bit-testatrici u Carmelina Darmanin, li tikkoabita mat-testatrici u sal-mewt rispettiva taghhom, id-dar numru sitta u sittin (66), Buskett Road, Rabat, Malta, flimkien ma l-oggett mobili ‘a limine intus’ ad eccezzjoni tal-flus, titoli u kotba rapprezentanti flus”;

Illi l-imsemmija Maria Carmela Farrugia hatret u nnominat bhala l-unika werrieta u proprjetarja assoluta taghha lil Elena mart Anthony Falzon li tirrisjedi fl-Awstralja u li hija rapprezentata mill-konvenut nomine;

Illi l-konvenut nomine naqas illi jimmetti lill-attrici fil-pussess tal-imsemmi fond numru sitta u sittin (66) Triq Gorg Borg Olivier gia Triq il-Buskett, Rabat, Malta, u li jillikwida l-ammont ta' servigi lilha dovut, anke wara li gie interpellat ghal dan il-ghan permezz ta' ittra ufficjali;

Talbet li din il-Qorti:

(1) Prevja d-dikjarazzjoni jekk mehtiega li l-attrici rrendiet servigi, kura u assistenza lill-imsemmija Maria Carmela Farrugia u Carmelina Darmanin, tillikwida bl-opera ta' perit minnha mahtur il-kumpens xieraq lilha dovut ghal tali servigi fil-jedd taghha li tibbenefika mil-legat imholli fit-testment precitat jew b'kull ammont iehor verjuri;

(2) Tikkundanna lill-konvenut nomine jimmetti lill-attrici fil-pussess tal-fond numru 66, Triq Gorg Borg Olivier gia` Triq il-Buskett, Rabat, Malta, a tenur tal-klawsola numru 10 tat-testment tal-imsemmija Maria Carmela Farrugia tad-29 ta' Dicembru, 1982;

(3) Tordna l-pubblikazzjoni tal-att relattiv tal-immissjoni fil-pussess favur l-attrici billi tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' tali att u tahtar Nutar u kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji tad-9 ta' Mejju 1990, tat-23 ta' Mejju 1990, u tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Sdettembru 1990 kontra l-konvenut nomine ngunt ghas-subizzjoni;
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Pace nomine fejn qal:

(1) Illi, preliminarjament, il-konvenut Carmelo Pace ma huwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa ma nghata ebda setgha minn Elena mart Anthony Falzon biex jidher bhala mandatarju taghha;

(2) Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante illi l-attrici zgur ma tikkwalifikax bhala legatarja ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ghaxar klawsola tat-testment tad-29 ta' Dicembru 1982, 'il ghaliex hija qatt ma hadet hsieb u daret bi Carmela sive Maria Carmela Farrugia jew bi Carmela Darmanin, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(3) Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tat-18 ta' Mejju 1993 fejn l-attrici talbet korrezzjoni kull fejn mehtieg biex qabel l-isem "Carmelo" u l-kunjom "Pace" tidhol il-kelma "Kalcedonja" u wara l-kunjom "Pace" jidhru l-kliem "mart Carmelo", u fejn Dott. Desira ghall-konvenut ta ruhu notifikat bl-atti kif korretti u rtira l-ewwel eccezzjoni b'rizerva ghall-kap ta' l-ispejjez;

Rat id-digriet tat-18 ta' Mejju 1993 fejn bi qbil tal-partijiet gie nominat l-Avukat Dottor Giannino Caruana Demajo

bhala perit legali billi qed jittratta kawza konnessa fl-ismijiet "Lucio Vassallo et vs Dott. Marco Grixti noe et";

Rat id-digriet tat-30 ta' Jannar 1995 li permezz tieghu, billi l-perit legali gie elevat ghall-gudikatura, gie nominat minfloku Dott. Carmelo Vassallo bl-istess inkarigu u fakultajiet;

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu ntlaqghet it-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenuta tal-21 ta' Gunju 1999 u b'hekk gie ordnat li x-xiehda kollha prodotta fil-kawza fl-ismijiet "Innocenzo sive Lucio Vassallo et vs Av. Dr. Marco Griscti et noe et" (Citaz. Nru. 143/90DS) ghandha titqies bhala xiehda migjuba f'din il-kawza;

Rat ir-relazzjoni tal-pertit legali debitament mahlufa fid-9 ta' Mejju 2000;
Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

L-attrici qieghda permezz ta' din il-kawza titlob li din il-Qorti tiddikjara li hija rrendiet servigi, kura u assistenza lil Maria Carmela Farrugia u lil Carmela Darmanin (li kienet toqghod ma' Farrugia), u tillikwida l-kumpens xieraq ghal dawn is-servigi konsistenti "fil-jedd taghha li tibbenefika mil-legat imholli fit-testment" li ghamlet Farrugia "jew f'kull ammont iehor verjuri".

Fit-testment taghha tad-29 ta' Dicembru 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri, Maria Carmela Farrugia nnominat permezz tat-tmien artikolu lil Elena mart Anthony Falzon bhala unika eredi taghha. Permezz ta' l-ghaxar artikolu hija halliet b'titolu ta' legat fi proprjeta`:

**"a favur ta' dik jew dawk il-persuni li jkunu jiehdu hsieb u idur bit-testatrici u Carmelina Darmanin, li tikkoabita mat-testatrici, u sal-mewt rispettiva taghhom, l-dar numru sitta u sittin (66) Buskett Road, Rabat, Malta, flimkien mal-oggetti mobili 'a limine**

**intus' ad eccezzjoni tal-flus, titoli u kotba rappresentanti flus."**

Il-konvenuta qed teccepixxi li l-attrici ma tikkwalifikax bhala legatarja tal-fond imsemmi ghaliex hija qatt ma hadet hsieb u daret b'Maria Carmela Farrugia jew b'Carmela Darmanin.

Maria Carmela Farrugia mietet fit-8 ta' Novembru 1989 u sabuha mejta l-Pulizija wara li sgassaw biex dahlu fid-dar taghha, billi kienet tghix wahedha. Carmela Darmanin dahlet fl-Isptar St. Vincent de Paule fid-9 ta' Marzu 1982 (mela qabel ma ghamlet it-testment Maria Carmela Farrugia) u baqghet hemm sakemm mietet fil-5 ta' Novembru 1985. Maria Carmela Farrugia mill-1980 'l hawn kienet frekwentement Malta u giet definittivament f'Marzu 1985.

Id-dar mertu tal-legat imsemmi meta mietet Farrugia kienet fi stat traskurat hafna. Dan jirrizulta kemm mir-ritratti esebiti minn Wilfred Camilleri kif ukoll mix-xiehda ta' l-attrici stess li qalet li "l-post kien imfarrak ghal kollox".

L-attrici kienet tippresta s-segwenti servigi ghal Maria Carmela Farrugia: tahslilha l-hwejjeg darba fil-gimgha, tixtrilha l-gazzetta jew xi hobza, tigbed il-pensjoni u tiddepozitaha l-bank, iccemplilha ghal xi tabib, sacerdot u ghal tat-taxi. It-tisjir kien isir minn Farrugia stess kif ukoll ix-xiri ta’ l-affarijiet. Zjarat lil Darmanin kienu jsiru minn Farrugia wkoll, minbarra ghal perijodu ta’ disa’ xhur li fihom kienet imsiefra. Infatti Connie Zahra xehdet li ghal erba’ jew hames snin kienet tiehu lil Farrugia l-Isptar jew is-Suq ta’ Belt-is-Sebh bit-taxi u qabilha dan ix-xoghol kien jaghlu bit-taxi certu Bonello.

Lil Carmela Darmanin l-attrici kienet tahslilha hwejjigha ma' dawk ta' Farrugia u kienet tmur taraha Has-Serh, pero` dan ghall-perijodu ta' disa' xhur li Farrugia damet imsiefra qabel ma giet Malta ghal kollox f'Marzu 1985. Darmanin, kif diga` ntqal, mietet fil-5 ta' Novembru 1985 (ara Dok. WC19).

Fid-disa' xhur li kienet tmur tara lil Darmanin kienet tiehu Lm5 fix-xahar; qabel Frar 1989 kienet tiehu Lm7.16,6 kull darba li tigbed il-pensjoni ta' Farrugia; minn Frar sa Awissu 1989 kienet tiehu Lm10 fix-xahar u minn Settembru sa Novembru 1989 kienet tiehu Lm12.

Kif tajjeb issottometta l-perit legali, sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici in kwantu din tikkonsisti fit-talba biex l-attrici tigi immessa fil-pussess tal-legat imholli bil-precitat artikolu numru ghaxra tat-testment ta' Maria Carmela Farrugia, irid jigi determinat jekk is-servigi rezi mill-attrici kinux tali li jista' jinghad li l-attrici hadet hsieb u daret bit-testatrici u Carmelina Darmanin, li tikkoabita mat-testatrici, u sal-mewt rispettiv taghhom skond l-imsemmi artikolu.

Fid-dawl tal-provi migbura, il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni illi dak li ghamlet l-attrici mhux bizzejjed biex jista' jinghad illi hija kienet "tiehu hsieb u ddur", u dan wara li ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet:

"(1) Huwa evidenti illi s-servigi resi huma ta' entita` zghira, parti minnhom isiru bla kumpens minn kull gar lil min ikun joqghod wahdu, per ezempju jixtrilu l-hobz, gazzetta u joffrilu xi platt ikel milli jsajjar hu, jew icempel telephone ghalih.

(2) Ghas-servigi l-ohra l-attrici kienet tircievi l-flus minghand Maria Carmela Farrugia kif inghad izjed 'il fuq.

(3) Importanti ghall-interpretazzjoni tat-testment hi l-intenzjoni tat-testatur; lill-attrici Farrugia kienet thallasha; kieku t-testatrici kienet qed tqis lill-attrici intitolata ghal-legat (apparti li ntqal dwar l-esigwita` tas-servigi), zgur li ma kinitx thallasha ta' li kienet taghmel, u zgur li kienet tghidilha bil-legat.

(4) L-esponent hu ta' l-opinjoni illi biex wiehed idur bit-testatrici fis-sens tat-testment wiehed irid imur joqghod fl-istess dar tal-persuna servuta, jew ma jhallihiex wahedha ghal zmien twil; l-attrici ma kinitx taghmel dan, kif jidher mill-istat mizerabbli tal-fond skond ir-ritratti esebiti minn Wilfred Camilleri. L-attrici fix-xiehda taghha (Sedfuta V)

qalet li ma kinitx tnaddaf id-dar; u lanqas kienet issajjar l-ikel tat-testatrici.

(5) Ta' min izid ukoll illi kien hemm xi inkonsistenza fix-xiehda ta' l-attrici. Per ezempju qalet li Darmanin mietet sena qabel Farrugia, li jigi Novembru 1988, mentri mic-certifikat tal-mewt jirrizulta li Darmanin mietet tliet snin qabel; qalet li kienet issajjar lil Farrugia mentri rrizulta mir-ritratti li Farrugia kienet issajjar hi, u li Farrugia gie li talbitha xi platt milli ssajjar hi."

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-perit legali ssottometta illi ma giex pruvat li l-attrici hadet hsieb u daret b'Farrugia kif indikat fit-testment b'mod li jkollha dritt ghal-legat hemm imsemmi. Konsegwentement ikkonkluda li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Issa, fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Rose Alden pro et noe vs Raphael Pace** intqal:

**"… hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. *'Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino'* - Carmelina Mifsud et vs Matilde Pullicino et - 13 ta' Gunju 1888 (Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna, Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950, u Farmacista George Mallia vs Carmela Mallia, Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957;**

**Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi *'quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent'*, *tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera pero` fondarsi su cio` che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sara` luogo solo a tale interpretazione nel caso che la***

***lettera sia oscura, per se` stessa o messa in confronto con tutto il contesto'*** **- <u>Camilla Mallia vs Carlo Mamo et</u>, Appell Civili, 2 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P I p 729)".**

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-kliem tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni jesprimu b'mod car u espress il-volonta` tat-testatrici. U allura ***"e` necessario riconoscerla nelle stesse parole e non immaginarla, o crearla, e quindi non si dee indagare quale sarebbe stata la migliore disposizione in astratto, ma limitarsi all'esame della volonta` espressa"*** (Vol. X pag. 457).

It-testatrici riedet thalli d-dar taghha lil min jiehu hsieb u jdur biha u b'Carmela Darmanin "sal-mewt rispettiv taghhom". L-attrici kienet tippresta diversi tipi ta' servigi lil dawn iz-zewg persuni u ta' dan kienet tircievi kumpens. Fix-xiehda taghha stess l-attrici tghid li Carmela Farrugia kienet tghidilha li riedet tbiddel it-testment taghha, *"pero` kienet tghidli li hemm ktieb tal-bank fuq ismi"*. Jigifieri minn dak li xehdet l-attrici stess jirrizulta li jekk it-testatrici riedet tikkumpensa lill-attrici aktar tard, dan ma kienx billi thallilha d-dar izda billi thallilha somma flus. Fil-kawza fl-ismijiet **Virginia Abela et vs Angela Micallef et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Ottubru 1949 (Vol. XXXIII.ii.423) gie ritenut:

**"In tema generali, min jirrendi servigi li ghalihom tkun giet pattwita retribuzzjoni certa u determinata, m'ghandux dritt ghal suppliment ta' dir-retribuzzjoni kemm-il darba l-persuna servuta ma tkunx esigiet xoghol straordinarju li johrog mill-konvenzjoni.**

**Imma jekk bniedem jaccetta hlas zghir tas-servigi li jirrendi u li jkun haqqu hlas akbar ghalihom, u dan jaghmlu ghax jigi ttamat mill-persuna servuta li jkollu hlas akbar aktar tard, u din it-tama ma ssehhx, dan il-bniedem ghandu dritt jitlob suppliment ghal dak il-kumpens li jkun ircieva."**

L-attrici m'ghandha l-ebda dritt tippretendi kumpens fl-entita` pretiz minnha skond l-ghaxar artikolu tat-testment

ta' Carmela Farrugia. Il-kwistjoni jekk hijiex intitolata ghal kumpens aktar minn dak li kienet qed tircievi mit-testatrici f'somma li trid tigi likwidata tezorbita mill-parametri ta' din il-kawza u qed tithalla impregudikata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attrici u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lilha *si et quatenus* kontra l-eredi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------